Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,192, 21 ta' Mejju, 2019

Taqsima B

A.L. 105 tal-2019

ATT DWAR IL-ĦABS
(KAP. 260)

Ordni tal-2019 li jemenda l-Ordni dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet bħala Ħabs

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Ħabs, il-Ministru responsabbli għall-Ħabs għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2019 li jemenda l-Ordni dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet bħala Ħabs u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet bħala Ħabs hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 260.02.

Jemenda l-Iskeda tal-Ordni prinċipali.

2. Fl-Iskeda tal-ordni, il-kliem "*Ward* 10 fl-Isptar Monte Carmeli" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*Forensic Ward* fl-Isptar Monte Carmeli".